**6 ta' Diċembru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Martin Fenech

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Trattament Inuman jew Degradanti – Xhud**

*Ir-rikorrent allega li t-talba tal-prosekuzzjoni li huwa jixhed fi proċess kriminali kontra terzi kien jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-fatt li bniedem jiġġiegħel jixhed fi proċeduri kriminali kontra terzi kontra l-volontà tiegħu ma jammontax għal trattament inuman jew degradanti.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Martin Fenech ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn espona bir-rispett:

Illi fil-proċedimenti ''Pulizija *vs* Francis Mallia'' li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta l-esponent kien ġie eżentat mill-Qorti milli jixhed stante li bix-xiehda tiegħu huwa jista' jinġieb taħt proċess kriminali;

Illi a bażi ta' Mandat mill-Aġent President tar-Repubbliku ta' Malta li jipprovdi maħfra kondizzjonata, maħruġ fit-8 ta' Ottubru 1987 u esebit fis-27 ta' Ottubru, 1987, il-Prosekuzzjoni trid iġġiegħel lir-rikorrent jixhed f'dawk il-proċedimenti;

Illi l-kostrinġiment ta' l-esponent biex jixhed fil-proċedimenti kontra Francis Mallia u fl-istess waqt, inevitabilment jistqarr l-aġir kriminuż tiegħu, ibaxxih fl-istima tiegħu nnifsu f'għajnejh stess u f'għajnejn ħaddieħor. Barra minn hekk, dan l-aġir iġiegħlu jikxef it-turpitudni tiegħu kontra l-volontà tiegħu. Dan jammonta wkoll għal rinunzja forzata ta' dritt fundamentali;

Illi għalhekk dan l-aġir tal-Prosekuzzjoni jmur kontra l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll kontra l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali billi jilledi d-dritt fundamentali ta' l-esponent li huwa ma jkunx assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti;

Talab għalhekk ir-rikorrent li dik il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa u meħtieġa biex twettaq dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tiddikjara illi l-aġir ta' l-intimat imur kontra l-artikoli fuq riferiti;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-leġittimu kontradittur stante li jekk hu jixhedtx hija fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali li timxi skond il-Kodiċi Kriminali;

2. Illi jiġi rrilevat ukoll li dak kollu li jsir ai termini tal-Kodiċi Kriminali huwa salvagwardat taħt l-artikolu 47(7) tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk mhux sindakabbli minn din il-Qorti;

3. Illi dan il-każ kien ġà l-mertu tal-kawża fl-ismijiet premessi tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-14 ta' Diċembru, 1988 u għalhekk mhux permissibli li jitqajjem mill-ġdid stante li hu *res judicata* partikolarment meta l-istess aggravju setgħa jitqajjem f'dak l-istadju;

4. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà mogħtija l-esponent bl-ebda mod ma kiser l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż;

*Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili* fis-6 ta' April, 1989, li biha ddisponiet mir-rikors promotur billi rrespinġiet it-talbiet fih kontenuti a spejjeż tar-rikorrent u dana wara li kkunsidrat illi:

Dwar l-ewwel paragrafu fir-risposta ta' l-intimati ma jidhirx illi l-intimat ġie ċċitat u mħarrek f'dawn il-proċeduri erronjament. Huwa l-intimat, fil-vesti uffiċjali tiegħu u bil-poteri li tagħtih *il-liġi, illi qiegħed isejjaħ b'xhud lir-rikorrenti fi* proċeduri kriminali kontra terza persuna. Għalhekk ma jistax jiġi eċċepit illi l-intimat m'huwiex il-leġittimu kontradittur;

Illi fir-rigward tat-tielet paragrafu jingħad li ma tirriżulta ebda prova li turi illi dan il-każ huwa *"res judicata"*. Irriżulta li l-istess rikorrenti kien intavola rikors kostituzzjonali ieħor preċedentement għal dan però dan kien a bażi ta' allegat ksur ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u liema rikors kien ġie miċħud l-

ewwel minn dina l-Qorti, kif illum ippresjeduta, u sussegwentement kif ikkonfermata l-imsemmija deċiżjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 1988. Il-partijiet kienu u għadhom l-istess iżda l-mertu ta' dan ir-rikors huwa differenti mill-ieħor;

*Non si tratta* aktar tal-fatt li r-rikorrent seta' jesponi ruħu għal proċeduri kriminali imma li jekk jixhed ikun qed jagħmel dan bi ksur ta' l-art. 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Jekk jixhed, jallega r-rikorrenti, ikunu qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu li ma jkunx assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti;

Jekk ikollu jasal bilfors għall-konklużjoni li dan lanqas jaf sewwa sew x'inhi l-lanjanza tiegħu. Tant kienet fqira x-xiehda tiegħu biex isostni dak li espona fir-rikors id-difensur tiegħu, li l-Qorti ġiet invitata mill-istess difensur biex ma tantx jagħti piż lil din ix-xiehda. Il-Qorti ma tistax taqbad u twarrab tali xiehda għaliex inkella tkun tonqos minn dmirha. Li jista' jingħad hu li f'kull każ, xehed kif xehed ir-rikorrenti, il-miżura ta' kejl għandha tkun waħda ta' apprezzament oġġettiv tal-fatti fid-dawl tal-liġijiet viġenti 'l hinu allura minn valwazzjonijiet ta' natura merament soġġettiva;

Il-Qorti, wara li għarblet sew dak kollu li ġie sottomess, jidhrilha li m'hemm ebda vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent huwa xhud produċibbli fi proċeduri kriminali kontra terzi. Il-liġijiet tal-pajjiż, kif jemanu mill-Kodiċi Kriminali, kif ukoll dawk espressi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jimponu obbligu

*fuq ir-rikorrent li jixhed. Mhux esklu li tali obbligu jista' johloq* skommdu lir-rikorrenti però bl-ebda mod ma jista' jitqies li tali inkonvenjent jammonta għal trattament degradanti jew inuman, u wisq anqas jekwivali għal xi piena. Kif tajjeb issottometta l-abili difensur ta' l-intimati l-esiġenzi ta' l-individwu jridu jiġu rikonċiljati ma' dawk tas-soċjetà u fejn hu doveruż li wieħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' ċittadin billi jgħid il-verità – u dan kif stipulat fil-liġi – dan huwa fl-obbligu li jagħmel dak li mistenni *li jagħmel. Diversament, il-proċess legali fil-pajjiż, iż-żamma ta'* l-ordni, u l-ħarsien tal-liġi jiġu stultifikati;

Ir-rikorrenti, permezz tad-difensur tiegħu, għamel riferenza għall-każi bħala *Greek Case* u *Ireland Case* però ma jidrilhiex li dawn kienu msejsa fuq l-istess fatti. F'ċirkostanzi simili għalhekk wieħed irid joqgħod attent ħafna qabel jislet sentenza barra mill-kuntest fattwali u japplikaha band'oħra. Fil-każ in diżamina kollox jidher li qiegħed isir taħt dak li hemm stipulat fil-liġi domestika u dan mill-awtorità kompetenti. *Di più*, jidher ukoll li r-rikjesta tal-prosekutur fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja huma ġustifikati u meħtieġa;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Martin Fenech ippreżentat fis-17 ta' April, 1989 li bih talab li dina l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet tiegħu u konsegwentement tilqa' t-talba magħmula fir-rikors promotorju;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fl-20 ta' April, 1989;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent appellant qiegħed jissottometti li l-ewwel Qorti llimitat ruħha filli tara jekk hemmx liġi domestika jew awtorità li jimponi obbligu fuq ir-rikorrent li jixhed u ma analizzatx il-bażi tar-rikors tiegħu, u ċjoè li l-kostrinġiment tiegħu biex jixhed fil-proċediment kontra Francis Mallia u fl-istess waqt, inevitabilment, jistqarr l-aġir kriminuż tiegħu jbaxxih fl-istima tiegħu nnifsu f'għajnejh stess u f'għajnejn ħaddieħor u li, barra minn hekk, dan l-aġir jikxef it-turpitudini tiegħu kontra l-volontà tiegħu. Il-kostrinġiment tiegħu, ikompli jissottometti l-appellant, li jixhed għalhekk jassoġġettah għal trattament inuman u degradanti;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Kummissjoni Ewropeja, invokati mir-rikorrent appellant, huma kważi identiċi u jistgħu jiġu kkunsidrati flimkien għall-finijiet tal-kawża preżenti;

L-awtur Sieghart, fil-ktieb tiegħu: *"The International Law of Human Rights"*, paġna 167, igħid li fil-każ *Denmark et al vs Greece,* il-Kummissjoni Ewropeja kienet osservat illi *"the notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical"* u iżjed tard: *"Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case....."*;

Kwantu imbagħad għal *"degrading treatment"* l-istess

awtur awtorevoli jagħmel riferenza għall-kawża *Patel et al vs United Kingdom* (paġ. 169 – 170) fejn il-Kummissjoni Ewropeja qalet li "*the general purpose of the prohibition of degrading treatment was to prevent interference with the dignity of man of a particular serious nature. Accordingly an act which lowers a person in rank, position, reputation or character, can be regarded as 'degrading treatment' if it reaches a certain level of severity.....*";

Jidher għalhekk mill-ġurisprudenza fuq ċitata, li l-Qorti hi tal-fehma għandha sservi ta' gwida, biex ikun hemm "*inhuman*" jew "*degrading treatment*" jeħtieġ li jkun hemm ċertu ammont ta' sofferenza severa u li d-dinjità tal-bniedem tiġi menomata b'mod serju. Kollox għalhekk jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Kif jidher minn eżami tad-diversi awturi u anke mill-kopja fotostatika esebita tal-parti rilevanti tad-Diġest, il-Kummissjoni Ewropeja u l-Qorti Ewropeja kellhom diversi każijiet ta' allegazzjoni ta' trattament inuman u degradanti u waslu għall-konklużjoni tagħhom favur jew kontra l-imsemmija allegazzjonijiet skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ u a bażi tal-prinċipji fuq enunċjati b'mod ġenerali;

Ikkunsidrat:

Fil-każ partikolari li għandha quddiemha, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi, ma tarax li tista' tgħid li jekk jixhed l-appellant ikun hemm dak it-trattament inuman jew degradanti kif interpretat mill-ġurisprudenza. Ma tarax li jekk, kif qal l-appellant, jixhed huwa ma jiħux pjaċir jew jiddejjaq jew iħossu imċekken, dana jista' jingħad li jammonta għal dak is-"*severe suffering*" jew dak l-"*interference*" mad-dinjità tiegħu "*of a particular serious nature*" li ssemmi l-ġurisprudenza. Għall-

kuntrarju, bix-xiehda tiegħu huwa jkun qiegħed jgħin l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u għalhekk, kuntrarjament għal dak li qiegħed jissottometti, huwa jkun qiegħed b'xi mod jerfa' ġiehu f'għajnejh stess u f'għajnejn ħaddieħor;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż l-appellant qiegħed jissottometti li l-intimat għandu jiġi akkollat l-ispejjeż li jirrigwardaw it-tliet eċċezzjonijiet li ssolleva fir-risposta tiegħu u li ġew respinti mill-ewwel Qorti. Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni nkwantu jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni – dik li l-intimat mhux il-leġittimu kontradittur u t-tielet eċċezzjoni – dik tar-*res judicata*, iżda ma jidhirx li l-ewwel Qorti kkunsidrat it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi fil-mertu tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u billi kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-ispejjeż relattivi għall-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet deċiżi mill-ewwel Qorti jiġu sopportati unikament mill-intimat. L-ispejjeż ta' dan l-appell, inkwantu jirrigwarda l-mertu, għandhom jiġu sopportati mill-appellant u kwantu l-appell jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż għandhom jiġu mħallsa mill-intimat appellant.